MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2006

Numru 943/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**LORENZO CALLUS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorenzo Callus ta’ 38 sena mwieled Hal-Ghaxaq mwieled nhar it-13 ta’ April 1978 bin Lorenzo u Rosaria nee’ Gafa residenti gewwa 46 Triq il-Professur Anton Tabone Birzebbugia detentur ta’ karta tal-identita nru 160468M gie akkuzat:

Talli nhar it-28 ta’ Awissu 2006 ghall-habta ta’ 7.45 am ikkommetta serq ta’ Vettura tal-ghamla Toyota Nru tar-Registrazzjoni EAF116 minn gewwa Triq l-Imtarfa Mtarfa

ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi mir-Rabat liema serq huwa aggravat bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 267, 270, u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn it-28 ta’ Awissu 2006 u it-2 ta’ Settembru 2006 xjentement laqgha ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahal sabiex jmexxihom jew jbieghhom u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ l-imputat bhala li huwa ricediv wara li instab hati diversi drabi mill-Qorti kriminali atl-appelli u kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenza daru definittivi u dan skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok TMP1 u nnutat li l-imputat Lorenzo Callus, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Roberto Montalto u wara li nghata zmien xieraq biex jirrispondi, iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Roberto Montalto, iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Roberto Montalto, rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 280(1), 281(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lorenzo Callus, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fedina penali pjuttost voluminuza tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata, tikkundanna lill-imsemmi imputat Lorenzo Callus ghall-piena ta' sena (1) prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat tenut kont illi fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li din l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Finalment il-Qorti tordna li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv rigwardanti ghal dan il-kaz ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------